MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Numru 1/2005

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Guzeppi Sacco
Darren Charles Desira

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 1 tas-sena 2005 kontra l-akkuzati Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira, li bih huma gew akkuzati talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi ghall-habta ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed, il-Pulizija Maltija kisbet taghrif li certu Joseph Sacco u Darren Desira kienu qeghdin imexxu l-medicina perikoluza kokajina. Minn indagini estensivi li l-Pulizija ghamlet fuq firxa ta' xhur shah, gie stabbilit li Joseph Sacco kien miftiehem ma**

**persuni ohrajn, fosthom John Sultana w Joseph Borg, li allura kienu jahdmu bhala xufier u steward mas-Sea Malta rispettivament, sabiex idahhal kwantita' kbira ta' kokajina f'Malta.**

**Fil-bidu tat-twelid ta' dan il-ftiehim, kien hemm involut ukoll Darren Desira li kienet il-persuna li laqqghet flimkien ghal dan l-iskop Joseph Borg u John Sultana. L-ewwel attentat sabiex tigi mportata f'Malta d-droga kien ghall-habta tal-bidu ta' Gunju tas-sena 2001, pero' l-attentat ma giex realizzat ghal bosta raguni.**

**Sussegwentement, gie miftiehem bejniethom attentat iehor. Kien Joseph Sacco li ghadda l-flus lil Darren Desira sabiex dana jiehu hsieb idahhal id-droga f'malta minn Sqallija. Darren Desira kien telaq minn Malta lejn l-Ingilterra fis-sitta ta' Dicembru, 2001, u kellu jirritorna lura fid-disgha ta' Dicembru, tal-istess sena. Waqt li kien l-Inghilterra huwa kien mar l-Olanda wkoll. Fl-istess perjodu kien imsiefer fl-istess pajjizi John Sultana, it-tnejn bil-ghan li tinxtara d-droga w tiddahhal f'Malta bil-bahar. Din l-operazzjoni kollha kienet iffinanzjata minn Guzeppi Sacco, b'mod li ta' din il-bicca xoghol kollha John Sultana kellu jircevi tmin telef Lira Maltin bhala kumpens, mentri s-sehem ta' Joseph Borg bhala kumpens kellu jkun ta' madwar elf u hames mitt Lira Maltin.**

**Pero', ad insaputa ta' kull wiehed minnhom, il-Pulizija Maltija kienet ilha tissorvelja l-agir u l-movimenti taghhom, tintercetta konversazzjonijiet telefonici w tigbed videos. Kien ghalhekk li l-istess Pulizija rrnexxielha tisfratta din l-assocjazzjoni b'mod li ma tigix realizzata w thalli l-frott taghha, w anke peress li l-Pulizija saret taf bi pjan imminenti li tiddahhal id-droga f'Malta.**

**Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-**

**disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, w illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 22, 30, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigu ddikjarati hatja l-akkuzati.**

**2) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi nhar l-erbatax ta' Dicembru tal-imsemmija sena 2001, f'xi hin wara l-ghaxra ta' filghodu, dahal fil-port ta' Malta il-vapur "Zebbug" tas-Sea Malta. Fuqu kien hemm John Sultana li kien qieghed igorr zewg pakketti differenti kontenenti cirka zewg kilos kokajina. Huwa kien ipprokura din il-kokajina ghall-habta tal-hdax ta' Dicembru ta' dik is-sena gewwa Reggio, l-Italja, minghand persuna ta' nazzjonalita' Taljana injota w li kienet gie in kuntatt mieghu bis-sahha w bl-interventi ta' Guzeppi Sacco w Darren Charles Desira. Fuq l-**

**imsemmi vapur, John Sultana kien qieghed jakkumpanja truck tieghu tad-ditta "Volvo" bin-numru JSP-663. Kif trakka l-imsemmi vapur, Joseph Borg tela' fuqu jiltaqa' ma' John Sultana w minghand ha l-konsenja taz-zewg kilo kakajina sabiex jipprocedi halli jghaddiha lil Darren Desira w Guzeppi Sacco fl-inhawi ta' Manoel Island, fejn hemmhekk kienu qeghdin jistennew l-ahhar tnejn imsemmija fil-Mercedes bajda numru LAB-242 ta' Darren Desira.**

**Izda kif Joseph Borg kien fi triqtu lejn Darren Desira w Guzeppi Sacco, huwa gie intercettat u mwaqqaf mill-Pulizija hekk kif kien dlonk wasal fil-vicinanzi ta' Spencer Hill, Marsa, riekeb gewwa vettura Skoda. Ghalhekk, ghalkemm il-kokajina hawnhekk kienet fil-fatt giet impurtata f'Malta, b'danakollu hija ma lahqitx waslet ghad-destinazzjoni finali taghha f'idejn Guzeppi Sacco u Darren Desira, frott il-hidma w l-investigazzjoni estensiva w intensiva tal-Pulizija Maltija.**

**Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w ebda wiehed minn Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.**

**Illi b'ghemilhom l-imsemmija Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira saru hatja talli importaw, gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil kull wiehed minn Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira, hati talli importa, gieghel li tigi**

**mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, w illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 5, 6(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(i)(ii), 22(2)(b) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat in-Nota ta' l-akkuzat Darren Charles Desira tas-7 ta' Frar, 2005, li biha indika l-eccezzjonijiet preliminari tieghu w cioe':-

**1. Illi t-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza huwa null peress li l-fatti kif deskritti fil-parti ezpozitorja ma jistghux jikkostitwixxu d-delitt addebitat kontra l-akkuzat, semmai l-fatti kif esposti jwasslu ghad-delitt t' assocjazzjoni li hu dak provvdut fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**2. Illi sew l-ewwel kif ukoll it-tieni kap ta' l-Att ta l-Akkuza, f' certi partijiet ghandu tipa w linka differenti mill-bqija, probabbilment minhabba l-kuncett ta' *"cut and paste*". Illi ghalhekk minnhabba uniformita' w xi**

**nuqqas ta' malintiz mal-gurati, jkun utili li l-Qorti tordna li l-istess Att ta' l-Akkuza ikun *"typed"* b' tipa uniformi.**

**Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2005, li bih il-partijiet qablu li, b' riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Desira, lill-gurati tinghata kopja ta' l-Att ta' l-Akkuza li jkun fiha tipa wahda w uniformi w Dr. Said ghandu jippresta d-diskette relattiv lid-Deputat Registratur biex jiffacilita li dan ikun jista' jsir. Dr. Mallia, in vista ta' dan, irtira b' nota t-tieni eccezzjoni tieghu.**

**Rat l-imsemmija nota tal-akkuzat Desira prezentata seduta stante li biha, in vista tal-verbal ta' dak in-nhar, hu rtira t-tieni eccezzjoni tieghu.**

**Rat in-Nota tal-ecezzjonijiet tal-akkuzat Giuseppi Sacco tat-8 ta' Frar, 2005, li biha eccepixxa n-nullita tat-tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza stante illi mill-fatti allegati w mill-premessi tal-istess minn imkien ma jirrizulta r-reat addebitat;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi una volta li giet irtirata t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Desira, jibqghu biex jigu decizi biss l-eccezzjoni rispettiva ta' kull wiehed miz-zewg akkuzati dwar in-nullita' tat-tieni kap tal-akkuza li huma simili fis-sens li qed tigi eccepita n-nullita' ta' dan il-kap ghaliex mil-fatti msemmija fil-parti espozitorja ma jirrizultax ir-reat ta' importazzjoni ta' droga.**

**Ikkonsidrat;**

**Il-fatti kif esposti f' dan it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza li bihom l-Avukat Generali jrid jorbot liz-zewg akkuzati mar-reat ta' importazzjoni tad-droga kokajina qed jigu riprodotti testwalment hawn taht kif gej :-**

***"Nhar l-erbghatax ta' Dicembru tal-imsemmija sena 2000, f' xi hin wara l-ghaxra ta' filghodu, dahal fil-port***

***ta' Malta il-vapur "Zebbug" tas-SeaMalta. Fuqu kien hemm John Sultana li kien qieghed igorr zewg pakketti differenti kontenenti circa zewg kilo kokajina. Huwa kien ipprokura din il-kokajina ghall-habta tal-hdax ta' Dicembru, ta' dik is-sena gewwa Reggio, l-Italja, minnghand persuna ta' nazzjonalita' Taljana injota u*** *li kienet giet in kuntatt mieghu bis-sahha u bl-intervent ta' Giuseppi Sacco u Darren Charles Desira ……..**Joseph Borg tela fuqu*** **(il-vapur)** ***jiltaqa' ma' John Sultana u minnghand (Sic!) ha konsenja taz-zewg kilo kokajina sabiex jipprocedi*** *halli jghaddiha lil Darren Desira u Guzeppi Sacco fl-inhawi ta' Manoel Island, fejn hemmhekk kienu qeghdin jistennew l-ahhar tnejn imsemmija fil-Mercedes bajda numru LAB-242 ta' Darren Desira "*

*"Izda kif Joseph Borg kien fi triqtu lejn Darren Desira u Guzeppi Sacco,  huwa kien intercettat u mwaqqaf mill-Pulizija ….Ghalhekk, ghalkemm il-kokajina kienet impurtata f'Malta, b'danakollu ma lehqitx waslet ghad-destinazzjoni finali taghha f' idejn Guzeppi Sacco u Darren Desira …."*

*"…ebda wiehed minn Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira ma kellu ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza."*
*"illi b' eghmilhom l-imsemmija Guzeppi Sacco saru hatja talli <u>importaw,  gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f' Malta</u> bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza … u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett."*
(emfasi u sotlinejar ta' din il-Qorti)

**Issa mill-qari ta' dawn il-fatti kif esposti mill-Avukat Generali johrog car li l-Avukat Generali mhux qed jallega li l-importazzjoni taz-zewg kilo droga eroina saret fizikament mill-akkuzati jew xi wiehed minnhom, pero' li  xorta wahda din saret fuq ordni u kommissjoni taghhom w li konsegwentement huma**

**kienu kompartecipi fir-reat ta' importazzjoni daqs il-persuna li materjalment garritha fuq il-vapur u daqs il-persuna li materjalment nizzlitha l-art minn fuq il-vapur biex tikkonsenjahilhom, u dan ghax gielghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata l-kokajina.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din l-eccezzjoni tidher li hija akkampata fuq il-paragrafu (b) tal-proviso ghas-subartikolu (5) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "*meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixx , fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att."* Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f' dak il-kap. (Ara. Sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza** "Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue" **[Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996, "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et." **[6.12.2002] , konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2003,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici" **[5.1.2004] u konferemata fl-Appell fit-22 t' April, 2004 u ohrajn.)**

F' dawk is-sentenzi giet citata gurisprudenza kopjuza hafna fejn intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja, l-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri.

**Illi gie ukoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t' akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m'ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati.**

**F'**"Rex. vs. Strickland **" [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-**

***"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio, non altrimenti rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell'atto di accusa, tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso, indipendentemente dal merito e delle prove."***

**Ikkonsidrat;**

Illi ma hemmx dubju li kif esposti, il-fatti fit-tieni kap - dejjem jekk jirrizultaw pruvati fl-istadju tas-smiegh tal-provi quddiem il-gurati - jistghu jwasslu ghall-kundanna mitluba fl-istess Kap. Dan ghaliex l-Avukat Generali qed jallega li l-importazzjoni saret wara li l-akkuzati ghamlu l-arrangament mall-persuna injota li kienet barra minn Malta biex id-droga tghaddi f' idejn John Sultana li umbaghad kellu jgibha Malta w jghaddiha f' idejn Joseph Borg li, a sua volta, kellu jikkonsenjha lir-ricevituri w cioe' lill-akkuzati. Insomma bla dubju ta' xejn jezisti bejn il-parti espositTiva tat-tieni kap u l-parti akkuzatorja tieghu dak in-ness li trid il-ligi u li l-gurisprudenza tghid li hu rekwizit mehtieg biex l-att tal-Akkuza ma jkunx monk u null. (ara. **Rex. vs G.C.B. et altri"** - 8.3.05 Vol. XIX; iv. p18)"

Jekk quddiem il-gurati il-Prosekuzzjoni jirmexxilix tipprova ghall-konvinciment morali taghhom u bla ma thalli dubju dettat mir-raguni li tali importazzjoni anki mhux fis-sens fiziku w materjali imma billi l-akkuzati jew xi wiehed minnhom ikun gieghel li tigi importata d-droga jew ghamel xi haga sabiex setghet giet importata d-droga kokajina, bil-modi kif interpretati mill-gurisprudenza nostrana w kif allegat fil-parti espositTiva tat-tieni Kap, dik hija haga ohra li jridu jiddecieduha l-gurati w hadd aktar, wara li tigi spjegata lilhom il-ligi in materia mill-Imhallef li jkun ser

jippresjedi l-guri w din il-Qorti la ghandha w lanqas tista' tidhol fiha f'dan l-istadju tal-proceduri.

**S'intendi f' kull kaz, fejn il-kawza tinstema' quddiem din il-Qorti komposta mill-guri, ovvjament ikun jispetta lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jispjega lill-gurati x'forom jista' jiehu r-reat tal-importazzjoni kontemplat f'dan il-kap u li dan jista' jkun jikkonsisti kemm l-att fiziku tal-persuna li attwalment iddahhal l-oggett f' Malta, kif ukoll fl-att ta' min igieghel, jordna, jistiga jew b' kull mod jaghmel xi haga biex jiffacilita li dan l-att fiziku jkun jista' jsir anki minn haddiehor. Pero' din tkun spjegazzjoni tal-ligi w tal-interpretazzjoni taghha w mhux il-fatti li jikkostitwixxu r-reat li necessarjament iridu jissemmew fl-att ta' l-akkuza .**

**Konsegwentement id-decizjoni dwar il-mertu dwar jekk hemmx htija ghar-reat dedott fit-tieni kap jew le tispetta lil min irid jiggudika fuq il-fatt u cioe' l-gurati , wara li l-ligi u l-interpretazzjoni taghha tigi hekk spjegata lilhom , partikolarment fl-istadju tal-indirizz.**

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-fattispecji partikolari tat-tieni kap, gew traccati, sia pure fil-qosor, izda b' mod car mill-Avukat Generali b' mod li ma jhallu ebda dubju ghall-liema reat l-akkuzati qed ikollhom jirrispondu w dawn il-fatti jistghu jinkwadraw ruhom fir-reat imsemmi fil-parti akkuzatorja tal-istess kap u li hemm in-ness bejn il-fatti esposti w r-reat li l-Avukat Generali qed jakkuza liz-zewg akkuzati bih. Ghalhekk il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istesura tat-tieni kap tal-att tal-akkuza, ma jaghtix lok ghall-eccezzjoni kontemplata fil-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 449 (5) tal-Kodici Kriminali.

**Illi b' riferenza tal-ahhar parti tal-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat Darren Charles Desira li semmai l-fatti kif esposti jwasslu ghad-delitt ta' assocjazzjoni li hu dak provvdut fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, jinghid biss f' dan l-istadju, li biex jissussisti r-reat ta' importazzjoni ma hemmx ghalfejn ikun hemm ukoll ir-reat ta' assocjazzjoni, izda mill-banda l-ohra lanqas hu**

**eskluz li, qabel ma tigi importata droga, l-istess nies ikunu assocjaw ruhom ma persuni ohra f' Malta jew barra minn Malta biex tkun tista ssir din l-importazzjoni. Jekk ir-relazzjoni tieqaf hemm bla ma jkun sar l-att tal-importazzjoni, allura jista' jkun hemm biss ir-reat tal-assocjazzjoni. Jekk l-assocjazzjoni tigi segwita bl-importazzjoni, jistghu jissussistu z-zewg reati flimkien. Sta umbaghad ghall-Qorti li tara jekk bejn iz-zewg reati jkunx hemm xi assorbiment ta' wiehed fl-iehor.**

**U jekk din l-eccezzjoni tal-akkuzat Desira tista' b' xi mod tiftiehem li dak li hemm allegat fit-tieni kap tal-att tal-akkuza jista' jassorbixxi xi reat iehor imsemmi f' xi kap iehor ta' l-Att ta' l-Akkuza, w senjatament ir-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 jew ghaliex ikun jirrizulta xi konkors formali jew ideali bejn iz-zewg reati, dan ikun irid jigi konsidrat biss fl-istadju opportun meta l-Qorti, wara li jkollha l-verdett tal-gurati w tkun taf x' irrizulta w ma rrizultax u ta' x' hiex instabet htija, tigi biex tapplika l-piena relattiva.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat Darren Charles Desira w l-unika eccezzjoni preliminari tal-akkuzat Guzeppi Sacco w tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Darren Charles Desira, stante li din giet minnu rtirata w tiddifferixxi il-kawza *"sine die",* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali w, f'kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex tigi appuntata ghas-smiegh bil-gurati, skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi.

**Sadattant l-akkuzati jibqghu fl-istess stat li huma llum ghar-rigward tal-liberta' provvizorja.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------